VERŻJONI ELETTRONIKA

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,565, 29 ta' April, 2016*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru XX tal-2016**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jemenda l-Att dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni Ċivili, Kap. 353, u biex jipprovdi għal ħwejjeġ anċillari jew konsegwenzjali għal dan.**

**ACT No. XX of 2016**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Civil Aviation (Security) Act (Cap. 353), and to provide for matters ancillary or consequential thereto.**

VERŻJONI ELETTRONIKA



Nagħti l-kunsens tiegħi.

**(L.S.)** **MARIE- LOUISE COLEIRO PRECA**
**President**

29 ta' April, 2016

**ATT Nru XX tal-2016**

*ATT biex jemenda l-Att dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni Ċivili, Kap. 353, u biex jipprovdi għal ħwejjeġ anċillari jew konsegwenzjali għal dan.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

Kap. 353.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2016 li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni Ċivili, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni Ċivili, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-Arranġament tal-Att.

**2.** L-Arranġament tal-Att għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara l-kliem "Konvenzjoni ta' Tokyo (1963)" għandhom jiżdiedu l-kliem "u l-Protokoll ta' Montreal (2014)";

(b) minnufih wara l-kliem "Konvenzjoni ta' The Hague (1970)" għandhom jiżdiedu l-kliem "u l-Protokoll ta' Beijing (2010)";

(ċ) minnufih wara l-kliem "Taqsima IV Dispożizzjonijiet li jagħtu seħħ lill-Konvenzjoni ta' Montreal (1971) u lill-Protokoll għall-Konvenzjoni ta' Montreal (1988) 18-23" għandhom jiżdiedu l-kliem "Taqsima V Dispożizzjonijiet li jagħtu seħħ lill-Konvenzjoni ta' Beijing (2010) 24-29"; u

VERŻJONI ELETTRONIKA



(d) minflok il-kliem "Ġenerali 24-27" għandhom jidħlu l-kliem "Ġenerali 30-34".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

**3.** L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "Ministru" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili:

Iżda, għal kull dispożizzjoni relatata mal-estradizzjoni, u ħlief kif ipprovdut xort'oħra, il-kelma "Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja;";

(b) minnufih wara t-tifsira "pilota fi kmand" għandhom jiżdiedu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "il-Konvenzjoni ta' Beijing (2010)" tfisser il-Konvenzjoni għat-Trażżin ta' Atti Illegali Relatati mal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, magħmula f'Beijing, fiċ-Ċina fl-10 ta' Settembru 2010;

"il-Protokoll ta' Beijing (2010)" tfisser il-Protokoll Supplimentari għall-Konvenzjoni għat-Trażżin ta' qbid illegali ta' ajruplani, magħmul f'Beijing, fiċ-Ċina fl-10 ta' Settembru 2010, u li jemenda l-Konvenzjoni ta' The Hague;"; u

(ċ) minnufih wara t-tifsira "il-Protokoll għall-Konvenzjoni ta' Montreal" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "il-Protokoll ta' Montreal (2014)" tfisser il-Protokoll biex tiġi emendata l-Konvenzjoni dwar Reati u Ċerti Atti Oħra Imwettqa Abbord Ajruplani, magħmul f'Montreal fl-4 ta' April 2014, u li jemenda l-Konvenzjoni ta' Tokyo;".

Emenda tal-intestatura tat-Taqsima II tal-Att prinċipali.

**4.** Fl-intestatura tat-Taqsima II tal-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "Konvenzjoni ta' Tokyo (1963)" għandhom jiżdiedu l-kliem "u l-Protokoll ta' Montreal (2014)".

Emenda tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

**5.** Is-subartikolu (2) tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Għall-finijiet ta' din it-Taqsima -

(a) il-perjodu li matulu ajruplan ikun qed itir għandu jitqies li jinkludi -

(i) kull perjodu mill-mument meta l-bibien esterni kollha tal-ajruplan jingħalqu wara l-imbark għal titjira sal-mument meta xi bieb minn dawk jinfetaħ għall-iżbark wara t-tali titjira; u

(ii) jekk l-ajruplan jagħmel inżul forzat, kull perjodu minn hemm 'il quddiem sakemm awtorità kompetenti tieħu fuqha r-responsabbiltà għall-ajruplan u għall-persuni u l-proprjetà abbord tal-ajruplan; u

(iii) kull perjodu minn meta l-ajruplan, għalkemm ikun għadu fuq wiċċ il-baħar jew fuq l-art, ma jkunx jinstab fil-limiti territorjali ta' xi pajjiż;

(b) meta l-Istat tal-operatur ma jkunx l-istess bħall-Istat ta' reġistrazzjoni, kull referenza għall-Istat ta' reġistrazzjoni għandha titqies bħala referenza għall-Istat tal-operatur.".

Żjieda ta' artikoli ġodda mal-Att prinċipali.

**6.** Minnufih wara l-artikolu 5 tal-Att prinċipali għandhom jiżdiedu l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Ġurisdizzjoni meta Malta ma tkunx l-Istat ta' reġistrazzjoni.

5A. Meta tiġi eżerċitata ġurisdizzjoni għal reati mwettqa abbord ta' ajruplan, meta Malta ma tkunx l-Istat ta' reġistrazzjoni, azzjoni kontra ajruplan waqt titjira tista' tittieħed biss fi kwalunkwe ċirkostanza minn dawn li ġejjin:

(a) ir-reat għandu effett fuq it-territorju Malti;

(b) ir-reat ikun ġie mwettaq minn jew kontra ċittadin Malti jew resident permanenti;

(ċ) ir-reat huwa reat kontra s-sigurtà ta' Malta;

(d) ir-reat jikkonsisti fi ksur ta' xi regoli jew regolamenti relatati mat-titjira jew manuvra ta' ajruplan fis-seħħ f'Malta;

(e) l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni huwa meħtieġ sabiex jiġi żgurat il-ħarsien minn Malta ta' xi obbligu taħt ftehim multilaterali:

VERŻJONI ELETTRONIKA



Iżda t-terminu "resident permanenti" għandu jkollu l-istess tifsira mogħtija fl-artikolu 5(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali.

Kap. 9.

Ġurisdizzjoni fuq reati meta Malta tkun l-Istat tal-inżul. Kap. 9.

5B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qrati ta' Malta għandhom ikunu wkoll kompetenti li jeżerċitaw ġurisdizzjoni fuq atti li jikkostitwixxu reat taħt il-liġi fis-seħħ f'Malta li jkunu ġew imwettqa jew ikunu ser jiġu mwettqa abbord ta' ajruplan, fejn Malta tkun l-Istat tal-inżul, meta:

(a) dak l-ajruplan jinżel fuq it-territorju Malti bl-allegat ħati abbord tal-ajruplan;

(b) dak l-ajruplan għandu l-aħħar punt ta' tlugħ jew il-punt ta' nżul maħsub li jmiss f'Malta bl-allegat ħati abbord tal-ajruplan;

(ċ) is-siġurtà tal-ajruplan jew tal-persuni jew proprjetà, jew il-bonordni u d-dixxiplina abbord tal-ajruplan, jiġu pperikolati;

(d) fejn Malta hija l-Istat tal-operatur meta dak l-ajruplan ikun mikri mingħajr ekwipaġġ lil kerrej li għandu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu jew, jekk il-kerrej m'għandu l-ebda post ta' negozju, li għandu residenza permanenti, f'Malta.".

Emenda tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

**7.** Minnufih wara s-subartikolu (3) tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali, għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(4) Kull min jirrifjuta li jsegwi istruzzjoni legali mogħtija minn jew f'isem il-kmandant, għall-fini tal-ħarsien tas-siġurtà tal-ajruplan jew tal-persuni jew proprjetà abbord tal-ajruplan, jeħel multa ta' mhux aktar minn għaxart elef euro (€10,000).

(5) Uffiċjal tas-sigurtà matul it-titjira impjegat skont ftehim jew arranġament bejn Malta u xi pajjiż ieħor tal-Konvenzjoni jista' jieħu miżuri preventivi raġonevoli mingħajr l-awtorità tal-kmandant meta jkollu raġonevolment għalfejn jaħseb li dik l-azzjoni hija meħtieġa b'mod immedjat biex titħares is-sigurtà tal-ajruplan jew tal-persuni abbord minn att ta' interferenza illegali u, jekk dak il-ftehim jew arranġament hekk jipprovdi, minn twettiq ta' reat.".

VERŻJONI ELETTRONIKA



**8.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali minflok il-kliem "mrażżna u jagħti raġunijiet ta' dak it-trażżin." għandhom jidħlu l-kliem "mrażżna, bir-raġunijiet ta' dak it-trażżin u bi kwalunkwe deċiżjoni rigward il-konsenja ta' dik il-persuna.". Emenda tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali.

**9.** L-artikolu 8 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali.

(a) id-dispożizzjonijiet preżenti għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tal-imsemmi artikolu; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1), kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Reati mwettqa abbord ajruplan għandhom jiġu ttrattati, għall-fini ta' estradizzjoni bejn Malta u pajjiż ieħor tal-Konvenzjoni, daqslikieku ġew imwettqa mhux biss fil-post fejn ġraw iżda wkoll f'Malta fi kwalunkwe ċirkostanza msemmija fl-artikolu 5B, u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Estradizzjoni għandhom japplikaw għall-imsemmija reati.". Kap. 276.

**10.** Fl-artikolu 10 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "kull passiġġier, kull sid" għandhom jidħlu l-kliem "kull passiġġier, kull uffiċjal tas-sigurtà matul it-titjira, kull sid". Emenda tal-artikolu 10 tal-Att prinċipali.

**11.** Fl-intestatura tat-Taqsima III tal-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "Konvenzjoni ta' The Hague (1970)" għandhom jiżdiedu l-kliem "u l-Protokoll ta' Beijing (2010)". Emenda tal-intestatura tat-Taqsima III tal-Att prinċipali.

**12.** L-artikolu 12 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej: Sostituzzjoni tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

"Ħtif ta' ajruplan. Kap. 9.

12. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra li jista' jkun hemm għar-reat taħt il-Kodici Kriminali jew taħt kull liġi oħra, kull min -

(a) abbord ta' ajruplan li jkun qed jagħmel servizz, illegalment, jew bil-forza jew b'theddida ta' forza jew bl-isfurzar jew bi kwalunkwe forma oħra ta' intimidazzjoni jew bi kwalunkwe mezz teknoloġiku, jieħu f'idejh jew jeżerċita l-kontroll ta' dak l-ajruplan; jew

(b) jhedded li jwettaq kwalunkwe att imsemmi fil-paragrafu (a) jew jikkawża illegalment li persuna oħra tirċievi dik it-theddida; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA



(ċ) jorganizza jew jidderiġi lill-ħaddieħor biex iwettaq reat imsemmi taħt il-paragrafu (a); jew

(d) bi kwalunkwe mod ieħor jikkontribwixxi xjentement għat-twettiq ta' reat wieħed jew aktar mir-reati msemmija fil-paragrafi (a) jew (b), minn grupp ta' persuni li jaġixxu biex jilħqu skop komuni meta dik il-kontribuzzjoni tkun saret bil-għan li titkompla l-attività kriminali ġenerali jew l-iskop tal-grupp jew fl-għarfien tal-intenzjoni tal-grupp biex iwettaq ir-reat jew reati konċernati; jew

(e) jassisti illegalment lil min iwettaq ir-reat biex jevadi investigazzjoni, prosekuzzjoni jew piena relatata ma' wieħed jew aktar mir-reati taħt paragrafi (a) sa (d), it-tnejn inklużi,

jeħel, meta jinstab ħati, piena ta' priġunerija minn seba' snin sa għomru.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, ajruplan jitqies li jkun qed jagħmel servizz mill-bidu tat-tħejjija ta' qabel it-titjira tal-ajruplan mill-persunal tal-art jew mill-ekwipaġġ għal titjira speċifika sa erbgħa u għoxrin siegħa wara xi nżul. F'każ ta' nżul forzat, it-titjira titqies li tkompli sakemm l-awtoritajiet kompetenti jieħdu fuqhom ir-responsabbiltà għall-ajruplan u għall-persuni u l-proprjetà abbord tal-ajruplan.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali.

**13.** L-artikolu 13 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Applikabilità tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

13. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 121D, 248E(4) u 248E(4A) tal-Kodiċi Kriminali għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kwalunkwe reat taħt din it-Taqsima.

Kap. 9.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 328K tal-Kodiċi Kriminali għandhom japplikaw ukoll *mutatis mutandis* għal kwalunkwe reat taħt dan is-subtitolu daqslikieku r-referenza li fih għall-artikolu 328J kienet referenza għall-artikolu 121D.".

Emenda tal-artikolu 15 tal-Att prinċipali.

**14.** Is-subartikolu (2) tal-artikolu 15 tal-Att prinċipali għandu

VERŻJONI ELETTRONIKA



jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Kap. 9.

"(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ta' Malta għandha wkoll ikollha ġurisdizzjoni fuq l-imsemmija reati fejn:

(a) ir-reat huwa mwettaq kontra ajruplan reġistrat f'Malta; jew

(b) l-ajruplan li abbord tiegħu ġie mwettaq ir-reat jinżel Malta bil-ħati abbord tal-ajruplan; jew

(ċ) ir-reat huwa mwettaq kontra jew abbord ta' ajruplan mikri mingħajr ekwipaġġ lil kerrej li għandu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu jew, jekk il-kerrej m'għandu l-ebda post ta' negozju, li għandu residenza permanenti, f'Malta; jew

(d) il-ħati huwa ċittadin Malti; jew

(e) ir-reat ġie mwettaq kontra ċittadin Malti; jew

(f) ir-reat ġie mwettaq minn persuna apolida li għandha residenza abitwali f'Malta.".

Emenda tal-artikolu 16 tal-Att prinċipali.

**15.** Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 16 tal-Att prinċipali minflok il-kliem "f'titjira" għandhom jidħlu l-kliem "f'servizz".

Enumerazzjoni mill-ġdid tal-artikoli 24 sa 27 tal-Att prinċipali.

**16.** L-artikoli 24 sa 27, it-tnejn inklużi, tal-Att prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 30 sa 33, it-tnejn inklużi.

Żjieda ta' Taqsima ġdida mal-Att prinċipali.

**17.** Minnufih wara l-artikolu 23 tal-Att prinċipali għandha tiżdied it-Taqsima ġdida li ġejja:

"TAQSIMA V

**Dispożizzjonijiet li jagħtu seħħ lill-Konvenzjoni ta' Beijing (2010)**

Tifsir.

24. (1) F'din it-Taqsima, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"pajjiż tal-Konvenzjoni" tfisser pajjiż li fih tkun dak il-ħin qiegħda sseħħ il-Konvenzjoni ta' Beijing (2010).

(2) Għall-finijiet ta' din it-Taqsima -

VERŻJONI ELETTRONIKA



(a) ajruplan jitqies li jkun qed itir f'kull ħin mill-mument meta l-bibien esterni kollha tal-ajruplan jingħalqu wara l-imbark sal-mument meta xi bieb minn dawk jinfetaħ għall-iżbark; fil-każ ta' nżul forzat, it-titjira titqies li tkompli sakemm l-awtoritajiet kompetenti jieħdu fuqhom r-responsabbiltà għall-ajruplan u għall-persuni u l-proprjetà abbord tal-ajruplan;

(b) ajruplan jitqies li jkun qed jagħmel servizz mill-bidu tat-tħejjija ta' qabel it-titjira tal-ajruplan mill-persunal tal-art jew mill-ekwipaġġ għal titjira speċifika sa erbgħa u għoxrin siegħa wara xi nżul; il-perjodu ta' servizz għandu, fi kwalunkwe ċirkostanza, jinkludi l-perjodu kollu li matulu l-ajruplan ikun qed itir skont it-tifsira tal-paragrafu (a);

(ċ) it-terminu "faċilitajiet ta' navigazzjoni fl-ajru" jinkludi sinjali, *data*, informazzjoni jew sistemi meħtieġa għan-navigazzjoni tal-ajruplan;

(d) it-terminu "kimika tossika" ifisser kwalunkwe kimika li permezz ta' azzjoni kimika tagħha fuq il-proċessi tal-ħajja tista' tikkawża mewt, inabilitazzjoni temporanja jew ħsara permanenti lill-bnedmin jew lill-annimali. It-tali terminu jinkludi l-kimiċi kollha, irrispettivament mill-oriġini jew metodu ta' produzzjoni tagħhom, u irrispettivament minn jekk humiex prodotti fil-faċilitajiet, fil-munizzjon jew xi mkien ieħor;

(e) it-terminu "materjal radjuattiv" ifisser materjal nukleari u sustanzi radjuattivi oħra li fihom nuklidi li jgħaddu minn proċess ta' disintegrazzjoni spontanja (proċess akkumpanjat minn emissjoni ta' wieħed jew aktar minn tip ta' radjazzjoni jonizzanti, bħall-alpha-, beta-, partiċelli ta' newtroni u raġġi gamma) u li jistgħu, minħabba l-proprjetajiet radjoloġiċi jew fissili tagħhom, jikkawżaw mewt, korriment serju jew ħsara sostanzjali lill-proprjetà jew lill-ambjent;

VERŻJONI ELETTRONIKA



(f) it-terminu "materjal nukleari" jfisser plutonju (*plutonium*), ħlief dak li għandu konċentrazzjoni isotopika li taqbeż it-80 fil-mija ta' plutonju-238; uranju-233; uranju arrikkit bl-isotopi 235 jew 233; uranju li jkollu taħlita ta' isotopi kif jinsabu fin-natura ħlief fil-forma ta' metall mhux maħdum jew residwu ta' metall mhux maħdum; jew kwalunkwe materjal li għandu fih wieħed jew aktar minn dawk imsemmijin hawn fuq;

(g) it-terminu "uranju arrikkit bl-isotopi 235 jew 233" ifisser uranju li jkun fih l-isotopi 235 jew 233 jew it-tnejn f'ammont tali li l-proporzjon bejn is-somma ta' dawn l-isotopi u dik tal-isotopu 238 tkun akbar mill-proporzjon bejn l-isotopu 235 u l-isotopu 238 kif tinstab fin-natura;

(h) it-terminu "arma BCN" ifisser:

(a) "armi bijoloġiċi", li huma:

(i) mikrobjali jew aġenti bijoloġiċi oħra, jew tossini tkun xi tkun l-oriġini tagħhom jew metodu ta' produzzjoni, ta' tipi u fi kwantitajiet li ma jkollhomx ġustifikazzjoni għal skopijiet profilattiċi, protettivi jew skopijiet paċifiċi oħra; jew

(ii) armi, apparat jew mezzi ta' kunsinna maħsuba biex jużaw it-tali aġenti jew tossini għal skopijiet ostili jew f'kunflitt armat;

(b) "armi kimiċi", li huma, flimkien jew separatament:

(i) sustanzi kimiċi tossiċi u l-prekursuri tagħhom, ħlief fejn ikunu maħsuba għal:

(A) skopijiet industrijali, agrikoli, ta' riċerka, mediċi, farmaċewtiċi jew skopijiet paċifiċi oħra; jew

(B) skopijiet ta' protezzjoni, jiġifieri dawk l-iskopijiet relatati direttament mal-protezzjoni kontra s-sustanzi kimiċi tossiċi u mal-protezzjoni kontra l-armi kimiċi; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA



(Ċ) skopijiet militari mhux konnessi mal-użu ta’ armi kimiċi u li ma jiddependux fuq l-użu tal-proprjetajiet tossiċi ta’ sustanzi kimiċi bħala metodu ta’ gwerra; jew

(D) infurzar ta’ liġi inklużi skopijiet ta’ kontroll ta’ rvell domestiku, sakemm it-tipi u l-kwantitajiet huma konsistenti mat-tali skopijiet;

(ii) munizzjon u apparat imfasslin speċifikament biex jikkawżaw mewt jew ħsara oħra permezz tal-proprjetajiet tossiċi ta’ dawk is-sustanzi kimiċi tossiċi speċifikati fis-subparagrafu (b)(i), li jkunu rilaxxati bħala riżultat tal-impjegar tat-tali munizzjon u apparat;

(iii) kwalunkwe apparat imfassal speċifikament għall-użu b’rabta diretta mal-impjegar ta’ munizzjon u apparat speċifikat fis-subparagrafu (b)(ii);

(ċ) armi nukleari u apparat splussiv nukleari ieħor;

(i) it-terminu "prekursuri" jfisser kwalunkwe sustanza kimika reattiva li tieħu sehem fi kwalunkwe stadju fil-produzzjoni bi kwalunkwe metodu ta’ sustanza kimika tossika. Dan jinkludi kwalunkwe element importanti ta’ sistema kimika binarja jew multikomponenti;

(j) it-termini "materjal ta’ origini" u "materjal fissjonabbli speċjali" għandu jkollhom l-istess tifsira li dawk it-termini għandhom fl-Istatut tal-Aġenzija tal-Enerġija Atomika Internazzjonali, magħmul fi New York fis-26 ta’ Ottubru 1956.

Reati.
Kap. 9.

25. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra li jista’ jkun hemm għar-reat taħt il-Kodici Kriminali jew taħt kull liġi oħra, kull min -

(a) jagħmel att ta’ vjolenza kontra persuna abbord ajruplan f’titjira li jista’ jipperikola s-sigurezza ta’ dak l-ajruplan; jew

(b) jiddistruġġi ajruplan li jkun qed jagħmel servizz jew jikkaġuna ħsara lil dak l-ajruplan b’tali mod li tinabilitah milli jtir jew li jista’ jipperikola s-sigurezza tiegħu f’titjira; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA



(ċ) iqiegħed jew jikkaġuna li titqiegħed fuq ajruplan li jkun qed jagħmel servizz, b'xi mezz ikun li jkun, apparat jew sustanza li jistgħu jiddistruġġu dak l-ajruplan, jew li jikkaġunawlu ħsara b'tali mod li tinabilitah milli jtir, jew li jikkaġunawlu ħsara li tista' tipperikola s-sigurezza tiegħu f'titjira; jew

(d) jiddistruġġi jew jikkaġuna ħsara lill-faċilitajiet ta' navigazzjoni fl-ajru jew jinterferixxi fl-operat tagħhom, jekk dik l-azzjoni tista' tipperikola s-sigurezza ta' ajruplan f'titjira;

(e) jikkomunika tali informazzjoni li hu jkun jaf li hija falza sabiex jipperikola s-sigurezza ta' ajruplan f'titjira; jew

(f) jutilizza ajruplan li jkun qed jagħmel servizz biex jikkawża mewt, korriment serju jew ħsara sostanzjali lill-proprjetà jew lill-ambjent; jew

(g) jirrilaxxa jew iħott minn fuq ajruplan li jkun qed jagħmel servizz xi arma BCN jew sustanza splussiva, radjuattiva jew oħrajn simili b'tali mod li jikkaġuna jew li jista' jikkaġuna mewt, korriment serju jew ħsara sostanzjali lill-proprjetà jew lill-ambjent; jew

(h) jutilizza kontra jew abbord ta' ajruplan li jkun qed jagħmel servizz xi arma BCN jew sustanza splussiva, radjuattiva jew oħrajn simili b'tali mod li jikkaġuna jew li jista' jikkaġuna mewt, korriment serju jew ħsara sostanzjali lill-proprjetà jew lill-ambjent; jew

(i) permezz ta' kwalunkwe apparat, sustanza jew arma:

(i) jagħmel att ta' vjolenza kontra persuna f'ajruport li jaqdi l-avjazzjoni ċivili internazzjonali li tikkaġuna jew li tista' tikkaġuna korriment serju jew mewt; jew

(ii) jiddistruġġi jew jikkawża ħsara serja lill-faċilitajiet ta' ajruport li jaqdi l-avjazzjoni ċivili internazzjonali jew ajruplan li ma jkunx qed jagħmel servizz li jkun jinsab hemm jew ifixkel is-servizzi tal-ajruport,

jekk dak l-att jipperikola jew x'aktarx li jipperikola s-sigurtà f'dak l-ajruport; jew

(j) jhedded li jwettaq xi att imsemmi fil-paragrafi (a) sa (i) jew jikkawża illegalment li persuna oħra tirċievi dik it-theddida; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA



(k) jittrasporta jew jikkawża li jiġi trasportat, jew jiffaċilita t-trasport abbord ajruplan ta':

(i) kwalunkwe splussiv jew materjal radjuattiv, fl-għarfien tal-intenzjoni li jiġi utilizzat biex jikkawża, jew b'theddida li jikkawża, b'kundizzjoni jew mingħajr kundizzjoni, skont il-liġi ta' Malta, mewt jew korriment serju jew ħsara għall-iskop biex jintimida xi popolazzjoni, jew jikkonvinċi xi gvern jew organizzazzjoni internazzjonali biex jieħdu jew jastjenu milli jieħdu kwalunkwe azzjoni; jew

(ii) xi arma BCN, fl-għarfien li hija arma BCN skont it-tifsira tal-artikolu 24; jew

(iii) kwalunkwe materjal ta' oriġini, materjal fissjonabbli speċjali, jew apparat jew materjal imfassal b'mod speċjali jew preparat għall-ipproċessar, użu jew produzzjoni ta' materjal fissjonabbli speċjali, fl-għarfien li huwa maħsub biex jiġi utilizzat f'attività splussiva nukleari jew fi kwalunkwe attività nukleari oħra li ma tkunx taħt salvagwardji skont il-ftehim tas-salvagwardji mal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika; jew

(iv) kwalunkwe apparat, materjali jew *software* jew teknoloġija relatata li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għad-disinn, manifattura jew kunsinna ta' arma BCN mingħajr awtorizzazzjoni legali u bl-intenzjoni li tkun ser tintuża għat-tali skop:

Iżda fir-rigward ta' attivitajiet li jinvolvu pajjiż tal-Konvenzjoni, inklużi dawk imwettqa minn persuna jew entità legali awtorizzata minn pajjiż tal-Konvenzjoni, ma jitqiesx reat taħt is-subparagrafi (iii) u (iv) jekk it-trasport ta' dawk l-oġġetti jew materjali huwa konsistenti ma' jew huwa maħsub għal użu jew attività li huma konsistenti mad-drittijiet, responsabilitajiet u obbligi ta' dak il-pajjiż taħt it-trattat ta' non-proliferazzjoni multilaterali applikabbli li dak l-Istat huwa parti fih; jew

(l) jorganizza jew jidderiġi lil ħaddieħor biex iwettaq reat imsemmi taħt il-paragrafi (a) sa (k); jew

VERŻJONI ELETTRONIKA



(m) bi kwalunkwe mod ieħor jikkontribwixxi xjentement għat-twettiq ta' wieħed jew aktar mir-reati msemmija fil-paragrafi (a) sa (k), minn grupp ta' persuni li jaġixxu biex jilħqu skop komuni meta t-tali kontribuzzjoni tkun saret bil-għan li titkompla l-attività kriminali ġenerali jew l-iskop tal-grupp jew fl-għarfien tal-intenzjoni tal-grupp biex iwettaq ir-reat jew reati konċernati; jew

(n) jassisti ħati biex jevadi investigazzjoni, prosekuzzjoni jew piena relatata ma' wieħed jew aktar mir-reati taħt il-paragrafi (a) sa (l),

ikun ħati ta' reat u meta jinstab ħati jeħel piena ta' priġunerija minn seba' snin sa għomru.

Applikabilità tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

26. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 121D, 248E(4) u 248E(4A) tal-Kodiċi Kriminali għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kwalunkwe reat taħt din it-Taqsima.

Kap. 9.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' artikolu 328K tal-Kodiċi Kriminali għandhom ukoll japplikaw *mutatis mutandis* għal kwalunkwe reat taħt dan is-subtitolu daqslikieku r-referenza li fih għall-artikolu 328J kienet referenza għall-artikolu 121D.

Ġurisdizzjoni.

27. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), fejn reat taħt din it-Taqsima jiġi mwettaq barra minn Malta, il-persuna li tkun wettqet dak ir-reat tista' tiġi ttrattata dwaru daqslikieku r-reat ġie mwettaq f'Malta.

Kap. 9.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ta' Malta għandha wkoll ikollha ġurisdizzjoni fuq l-imsemmija reati fejn:

(a) ir-reat huwa mwettaq kontra ajruplan reġistrat f'Malta; jew

(b) l-ajruplan li abbord tiegħu ġie mwettaq ir-reat jinżel Malta bil-ħati abbord tal-ajruplan; jew

(ċ) ir-reat huwa mwettaq kontra jew abbord ta' ajruplan mikri mingħajr ekwipaġġ lil kerrej li għandu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu jew, jekk il-kerrej m'għandu l-ebda post ta' negozju, li għandu residenza permanenti, f'Malta; jew

(d) il-ħati huwa ċittadin Malti; jew

(e) ir-reat ġie mwettaq kontra ċittadin Malti; jew

(f) ir-reat ġie mwettaq minn persuna apolida li għandha residenza abitwali f'Malta.

VERŻJONI ELETTRONIKA



Estradizzjoni.

28. (1) Ir-reati taħt din it-Taqsima għandhom jitqiesu li jkunu ġew inklużi bħala reati ta' estradizzjoni u li jkun ġie pprovdut għalihom fit-trattati ta' estradizzjoni kollha magħmula minn Malta mal-pajjiżi tal-Konvenzjoni u li jestendu għal, u jkunu obbligatorji għal, Malta fid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

Kap. 276.

(2) Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Att dwar l-Estradizzjoni għal reati taħt din it-Taqsima, kull ajruplan reġistrat f'pajjiż tal-Konvenzjoni għandu, f'kull ħin waqt li dak l-ajruplan ikun f'titjira jew ikun qed jagħmel servizz, skont il-każ, jitqies li jkun fil-ġurisdizzjoni ta' dak il-pajjiż, kemm jekk dak il-ħin ikun ukoll fil-ġurisdizzjoni ta' xi pajjiż ieħor u sew jekk ma jkunx.

Kap. 276.

(3) Meta l-Att dwar l-Estradizzjoni ma jkunx japplika fil-każ ta' xi Stat li jkun parti fil-Konvenzjoni ta' Beijing, il-Ministru jista' jagħmel ordni li jipprovdi sabiex l-Att dwar l-Estradizzjoni jkun japplika fil-każ ta' dak l-Istat bl-istess effett u skont l-istess patti u kundizzjonijiet daqslikieku awtorizzat bl-artikoli 6 u 7 tal-Att dwar l-Estradizzjoni u, għall-finijiet ta' xi ordni bħal dak, dik il-Konvenzjoni tkun ekwivalenti għal nomina ta' pajjiż barrani taħt l-imsemmi artikolu 6 u għandha tiġi ttrattata bħala arranġament bħal dak imsemmi fl-imsemmi artikolu 7.

Kap. 276.

(4) Meta l-Att dwar l-Estradizzjoni jkun japplika għal xi Stat bis-saħħa ta' ordni magħmul taħt is-subartikolu (3), ebda applikazzjoni għal estradizzjoni minn dak l-Istat ma għandha tirreferixxi għal xi delitti ta' estradizzjoni skont it-tifsir mogħti fl-Att dwar l-Estradizzjoni bl-eċċezzjoni ta' reati meqjusa li huma inklużi fil-lista ta' delitti ta' estradizzjoni skont is-subartikolu (1).

Partijiet kontraenti fil-Konvenzjoni.

29. Il-Ministru jista', b'ordni fil-Gazzetta, jiċċertifika min huma l-partijiet kontraenti fil-Konvenzjoni ta' Beijing u sa fejn huma jkunu approfittaw ruħhom mid-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni, u kull ordni bħal dik tkun prova konklussiva tal-materji ċċertifikati fiha.".

Emenda tal-arttikolu 30 tal-Att prinċipali.

**18.** Fil-paragrafu (b) tal-artikolu 30, kif enumerat mill-ġdid, tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "tal-Istat ta' reġistrazzjoni," għandhom jidħlu l-kliem "tal-Istat ta' reġistrazzjoni jew tal-Istat ta' Reġistru, skont il-każ,".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

**19.** Minnufih wara l-artikolu 33, kif enumerat mill-ġdid, tal-Att prinċipali, għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA



"Ratifika.

34. Bis-saħħa ta' dan l-Att, il-Gvern ta' Malta huwa awtorizzat li jirratifika l-Konvenzjoni ta' Beijing (2010), il-Protokoll ta' Beijing (2010) u l-Protokoll ta' Montreal (2014).".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 380 tal-25 ta' April, 2016.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*